L-Erbgħa 13 ta' Mejju 2020

P9_TA(2020)0060

Tiġdid tal-Ftehim UE-Ukrajna dwar kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna (06101/2020 – C9-0091/2020 – 2020/0016(NLE))

(Approvazzjoni)

(2021/C 323/09)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (06101/2020),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/96/KE tas-6 ta' Frar 2003 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna [1],

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 186 u mal-Artikolu 218 (6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0091/2020),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0095/2020),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Ukrajna.

[1] ĠU L 36, 12.2.2003, p. 31.